**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 398/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**
**vs**
**Matteo Azzopardi**

**Illum 6 ta' Lulju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Matteo Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' 449500L;

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Lulju 2019 ghall-habta ta' bejn 1630hrs u 1730hrs gewwa Dawret ix-Xatt, Xghajra:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Dustin Naldoza Depacaquibo u dan ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ikkaguna ferita hafifa b'konsegwenza minuri fil-gisem ta' Alan Ocampo Masa u dan ai termini tal-Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju u dan ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 6 ta' Lulju, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali mmarkata bhala Dok OS1; estratt tac-certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok OS2; dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok OS3; stqarrija ta' Matteo Azzopardi mmarkata bhala Dok OS4; *current incident report* immarkat bhala Dok OS5; certifikat mediku mmarkat bhala Dok OS6 u zewg *patients certification form* immarkati bhala Dok OS7 u OS8.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-6 ta' Lulju, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali netta tal-imputat. Il-Qorti ma tarax li l-piena ta' habs f'dan l-istadju tkun idoneja.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-Artikoli 214, 216, 221(3) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati u tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tillibera lill-imputat b'dan li m'ghandu jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien erbgha u ghoxrin (24) xahar mil-lum.

Tapplika l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-hati fejn il-persuni protetti huma dawk ta' Dustin Naldoza Depacaquibo u Alan Ocampo Masa, li ghandha tibqa' fis-sehh ghal erba' (4) snin mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**